**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2019**

**Rikors Guramentat numru 42/2010 JVC**

**Michael Portelli f'ismu u bhala mandatarju ta' Gina Kinnas, Josephine Kruppas u Joseph Portelli lkoll imsefrin, Maria Xuereb, Maria Assunta Grech u Margaret Camilleri**

**vs**

**Rita Tabone f'isimha u bhala mandatarja ta' ohtha msiefra Rose Mercieca**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:

1. Illi Josephine mart Paul Portelli bint il-mejtin Michael Muscat u Margaret nee' Muscat, mietet, intestata, fl-erbatax (14) ta' Dicembru elf disa' mija u tmenin (1980);

2. Illi Paul Portelli, bin il-mejtin Francesco u Rose nee' Muscat, miet fl-erbgha (4 ) ta' April elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), u rregola s-successjoni tieghu b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi tal-ewwel (1) ta' Marzu elf disa' mija wiehed u tmenin (1981)

permezz ta' liema halla prelegat barra minn sehemha lil bintu Maria Portelli u mbaghad nnomina bhala eredi universali tieghu lil uliedu kollha; u iehor fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elf disa' mija wiehed u disghin (1991) fejn halla bi prelegat proprjeta' ohra lil bintu Maria Portelli;

3. Illi l-konjugi Portelli kellhom disat (9) ulied, u cioe' Michael, Rose mart Luigi Mercieca; Margaret mart Michael Camilleri, Carmela mart John Portelli, Giuseppe, Maria, Rita mart Carmelo Tabone; Sunta mart Michael Grech u Francesco u ghalhekk, salvi l-prelegati ordnati minn Paul Portelli, il-wirt taghhom ghadda fuq dawn id-disat ulied ugwalment bejniethom.

4. Illi Francesco Portelli miet fit-tnax (12) ta' Settembru 1990 u wirtitu bintu unika Maria Xuereb;

5. Illi Carmela Portelli mietet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 1997 u wirtuha z-zewg uliedha Gorgina Kinnas u Josephine Kruppas;

6. Illi Maria Portelli mietet xebba, fit-tlieta ta' Gunju elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u bit-testment taghha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tad-disgha ta' Mejju elf disa' mija u disghin innominat lil ohtha Rita Tabone bhala eredi universali taghha;

7. Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenut tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u successjoni hawn fuq imsemmija;

8. Illi l-konvenuta qeghdha stinatament tirrifjuta illi tersaq ghad-divizjoni ta' dawn l-assi ereditarji.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Fl-ewwel lok tahtar sekwestratarju gudizzjarju u b'effett immedjat tawtorizzah jirriprendi l-pussess ta' dawk l-immobbli in divizjoni illi qabel kienu fil-pussess komuni tal-kondividenti u issa ppussessa ruhu minnhom il-konvenut.

2. Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Pawlu u Josephine Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Josephine Portelli u lill-assi partikolari ta' Pawlu Portelli;

4. Tillikwida l-beni partikolari ta' Josephine Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Tiddividi beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Josephine Portelli f'disa' (9) porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lil uliedha;

6. Tillikwida l-beni partikolari ta' Pawlu Portelli billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Salv il-prelegati ordnati mill-istess Pawlu Portelli, tiddividi r-rimanenti beni kontenuti fl-assi ereditarji tieghu f'disa' (9) porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lil uliedu.

8. Tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att tad-divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

9. Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tad-29 ta' Mejju 2009, u l-ittra ufficjali ta' Jannar 2010 kontra l-konvenuta.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa hija ngunta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Rita Tabone proprio et noe fejn ikkonfermat:

1. Illi hija ma topponix ghad-divizjoni mitluba mill-atturi kif qatt ma opponiet ghaliha u jidhrilha li din id-divizjoni setghet saret bonarjament kif kien suggerit mill-avukati taz-zewg nahat;

2. Illi hija taqbel ma' dak li gie spjegat mill-atturi fid-dikjarazzjoni taghhom fil-paragrafi bin-numri 1 sa 6;

3. Illi ghal dak li jirrigwarda d-domandi l-esponenti topponi ghall-ewwel talba billi ma hemmx lok li jigi appuntat ebda amminsitratur tal-beni komuni ghax dana jimporta biss spejjez inutli billi l-assi tal-genituri tal-kontendenti jikkonsisti biss fi ftit raba li bicca qieghed f'idejn l-atturi u bicca f'idejn il-konvenuta, u d-dar paterna li taghha din ghandha nofsha;

4. Illi qabel ma dina l-kawza tista' timxi trid issir id-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-missier, f'kaz li din mhijiex preskritta, billi dina saret biss mill-mejta Maria Portelli u dana biss ghal dak li jirrigwarda l-legati lilha mhollija barra minn sehemha minn missierha;

5. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba numru 7 il-konvenuta Rita Tabone proprio ghandha fl-ewwel lok tigi mmessa fil-pussess tal-legati mhollija lill-mejta Maria Portelli mill-missier Pawlu Portelli biz-zewg testmenti tieghu, gia esebiti mill-atturi, u dana bhala werrieta tal-imsemmija ohtha Maria Portelli u wara li jsir dan il-konvenuta proprio ghandha tirciev zewg porzjonijiet mid-disa' porzjonijiet, cioe' taghha u ta' Maria. Dana japplika ghall-eredita' tal-omm Giuseppa Portelli li d-divizjoni taghha hija mitluba fit-talba numru 5.
6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez dawna kif hu normali fil-kawzi ta' divizjoni jigu sopportati mill-kondividiventi skont il-porzjon taghhom mill-eredita' li taghha tkun qed issir id-divizjoni;

7. Illi ghal dak li ntqal fin-numru 8 tad-dikjarazzjoni tal-atturi dan mhux korrett. L-esponenti proprio qatt ma opponiet li ssir id-divizjoni bonarjament pero' fis-seduti li saru ghal dan l-iskop fl-ufficcju tal-avukat tal-atturi whud mill-atturi jew qrabathom li kienu jattendu

wkoll kienu jaqbdu jiggieldu maghha u jghajruha kif rega' gara fl-ahhar seduta li saret.

Rat id-dokumenti, affidavits, stimi u provi kollha fl-atti;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti l-Perit Saviour Micallef esebit a fol. 93 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Lulju, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom minn din il-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza titratta l-qasma tal-gid li kien ta' Paul u Josephine konjugi Portelli. Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

1. Josephine Portelli mietet fl-14 ta' Dicembru 1980 u zewgha Paul Portelli miet fl-24 ta' Settembru, 1991. Huma kellhom disat itfal ossija Michael, Rose, Margaret, Carmela, Giuseppe, Maria, Rita, Sunta u Francesco;

2. Josephine Portelli mietet intestata w'ghalhekk wirtuha d-disa' uliedha;

3. Paul Portelli rregola s-successjoni tieghu b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi tal-ewwel (1) ta' Marzu elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) permezz ta' liema halla prelegat barra minn sehemha lil bintu Maria Portelli u mbaghad nnomina bhala eredi universali tieghu lil uliedu kollha; u iehor fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elf disa' mija wiehed u disghin (1991) fejn halla bi prelegat proprjeta' ohra lil bintu Maria Portelli. Dawn iz-zewg proprjetajiet hemm qbil bejn il-partijiet li jikkonsistu fis-sehem tal-missier fid-dar numru 23 u xi bibien ohra fi

sqaq fi Triq Wied Rihan bil-gardina ta' xi keltejn u Porzjon art 'Ta Wied ir-Rihan' maghrufa bhala 'Tax-Xaghri' fin-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' madwar tomna. Ghalhekk salv ghal-legati l-eredi universali tieghu huma wkoll id-disa' wlied;

4. Illi l-iben Francesco Portelli miet fit-tnax (12) ta' Settembru 1990 u wirtitu bintu unika Maria Xuereb;

5. Illi l-bint Carmela Portelli mietet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 1997 u wirtuha z-zewg uliedha Gorgina Kinnas u Josephine Kruppas;

6. Illi Maria Portelli mietet xebba, fit-tlieta ta' Gunju elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u bit-testment taghha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tad-disgha ta' Mejju elf disa' mija u disghin innominat lil ohtha l-konvenuta Rita Tabone bhala eredi universali taghha;

7. Illi skont il-verbal fl-atti datat 3 ta' Lulju, 2015 il-konvenuta Rose Mercieca giet nieqsa fil-mori tal-kawza;

8. Illi mir-rapport tal-Perit Tekniku Saviour Micallef (esebit a fol. 93 et seq tal-process) liema rapport sar bi qbil fuq il-proprjeta' bejn il-partijiet u ma giex kontestat jirrizulta li l-proprjetajiet in divizjoni huma s-segwenti. Huwa ghamel ukoll stima ta' l-istess proprjetajiet:

A.

(i) Id-dar numru tlieta u ghoxrin (23) u xi bibien ohra fi sqaq fi Triq Wied ir-Rihan bil-gardina ta' xi keltejn. Din il-proprjeta' giet ivvalutata mill-Perit Tekniku ghall-valur ta' mija u erbghin Elf Euro (€140,000) b'dan izda l-Qorti tirrileva li fl-atti l-partijiet qablu li din il-proprjeta' possibilment instab il-bejgh taghha ghas-somma ta' mija u tmenin Elf Euro (€180,000). Jidher izda li sad-data tad-decizjoni dan il-bejgh ma attwax ruhu. Fis-sottomissjonijiet taghhom l-atturi jipproponu li ghandu jkun dan il-valur ghola li ghandu jservi ta' bazi ghall-eventwali bejgh bis-subbasta f'kaz li l-fond jibqa' ma jinbieghx qabel jitla' ghas-subbasta f'liema kaz hemm qbil bejn il-partijiet li l-fond jigi estromess mis-subbasta. Il-Qorti taqbel ma' dawn it-talbiet ghar-raguni li r-rapport tal-Perit illum imur lura ghal mill-anqas seba' (7) snin u wkoll ghaliex din hija l-proprjeta' li l-aktar fiha valur mill-

assi kollha tad-decujus. Ukoll la darba hemm qbil bejn il-partijiet, f'kaz li jinstab il-bejgh qabel is-subbasta dan il-fond ghandu jinqata' mill-atti tas-subbasta. Din il-proprjeta' kif inghad hija suggett f'nofs il-valur taghha ghall-prelegat favur il-bint Maria Portelli.

(ii) Porzjon art 'Ta' Wied ir-Rihan' maghrufa bhala 'Tax-Xaghri' fin-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' madwar tomna (elf mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri) u tmiss punent ma' beni ta' Frencu Vella, tramuntana ma' beni ta' Pawlu Vella u lvant ma' beni ta' Wenzu Muscat u nofsinhar mal-eredi ta' Maria Giovanna Falzon, godenti passagg minn fuq il-beni li jikkonfinawha min-nofsinhar. Din ir-raba giet stmata hmistax-il elf Euro (€15,000) mill-perit tekniku. Din il-proprjeta' kif ukoll gia nghad hija suggett f'nofs il-valur taghha ghall-prelegat favur il-bint Maria Portelli.

Il-Qorti terga tirrileva li Maria Portelli giet nieqsa u li halliet bhala eredi universali taghha lill-konvenuta Rita Tabone. Fl-atti jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li z-zewg proprjetajiet suesposti allura jappartjenu fi kwota ta' hdax minn tmintax (11/18) lil Rita Tabone, sehem wiehed minn sitta u tletin (1/36) kull wahda lil Gorgina Kinnas u Josephine Kruppa, u sehem wiehed minn tmintax (1/18) kull wiehed u wahda lill-partijiet l-ohra fil-kawza.

B.

L-assi li jsegwu, diversament ghal dawk suesposti hemm qbil bejn il-partijiet li dawn jappartjenu kwantu ghas-sehem ta' tnejn minn disgha (2/9) lill-konvenuta Rita Tabone, sehem wiehed minn tmintax (1/18) lil kull wahda lil Gorgina Kinnas u Josephine Kruppa u sehem wiehed minn disgha (1/9) lil kull wiehed u wahda lill-partijiet l-ohra:

(iii) Bicca raba' maghrufa bhala "r-Ramla ta' Barra" li tinsab fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka hames mija tmienja u ghoxrin punt decimali tlieta metri kwadri (528.3m.k.), li tikkonfina mill-punent ma' beni ta' Frank Camilleri u mit-tramuntana ma' beni ta' Mikiel Muscat, u min-nofsinhar ma' beni ta' Francis Sammut, jew irjieh verjuri. Din ir-raba' giet stmata bil-valur ta' elfejn, tliet mija u hamsin Euro (€2,350) mill-perit tekniku.

(iv) Bicca raba', maghrufa bhala "Tas-Sies" li tinsab fit-territorju maghruf bhala "San Blas", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija tmienja u tmenin punt decimali sitta metri kwadri (388.6m.k.), li tikkonfina tramuntana ma' beni ta' Martin Muscat, mill-punent ma' beni ta' Paul Cefai u min-nofsinhar ma' beni ta' Paul Portelli, jew irjieh verjuri. Din ir-raba giet stmata elfejn u seba' mitt Euro (€2,700) mill-perit tekniku.

(v) Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Sopu" li tinsab fit-territorju maghruf bhala "Ta' San Blas", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl komplessiv ta' ċirka erba' mija u sitta u tletin metri kwadri (436m.k.), li tikkonfina mill-punent ma' beni ta' Joseph Camilleri, min-nofsinhar ma' beni ta' Francis Sammut u mil-lvant ma' beni ta' Paul Portelli, jew irjieh verjuri, libera u franka. Din ir-raba' giet stmata tnax-il elf Euro (€12,000) mill-perit tekniku. Dan ir-raba' ghandu dritt ghall-ilma minn mina maghrufa bhala "Ta' Sopu" ghal tul ta' erbgha u ghoxrin siegha kull tnax-il gurnata.

(vi) Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Qaddisa" li tinsab fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija hamsa u sittin punt decimali wiehed metri kwadri (160.1m.k.), li tikkonfina mill-punent ma' beni ta' Salvu Muscat, mit-tramuntana ma' beni ta' Francis Muscat u min-nofsinhar ma' beni ta' Francis Camilleri, jew irjieh verjuri, libera u franka. Din ir-raba' giet stmata ghall-valur ta' elf, tliet mija u hamsin Euro (€1,350) mill-perit tekniku.

(vii) Bicca raba' maghrufa bhala "Tal-Lumi" li tinsab fit-territorju maghruf bhala "San Blas", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija wiehed u sittin punt decimali hamsa metri kwadri (161.5m.k.), li tikkonfina mill-punent ma' beni ta' Francis Muscat, mit-tramuntana ma' beni ta' Mikiel Muscat u min-nofsinhar ma' beni ta' Salvu Muscat, jew irjieh verjuri, libera u franka. Dan ir-raba ghandu dritt ghall-ilma minn mina maghrufa bħala "Ta' San Blas" ghal massimu ta' siegha b'mod alternanti darba kull erbgha u ghoxrin (24) gurnata u darba kull tmintax-il (18) gurnata. Din ir-raba' giet stmata b'valur komplessiv ta' erbat elef, hames mija u hamsin elf Euro (€4,550) mill-perit tekniku.

(viii) Bicca raba′ maghrufa bhala "Ta′ Taht il-Hotba" li tinsab fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta′ cirka hames mija tmienja u tmenin punt decimali hamsa metri kwadri (588.5m.k.), li tikkonfina mit-tramuntana ma′ beni ta′ Francis Sammut, min-nofsinhar ma′ beni ta′ Joseph Portelli u mix-xlokk ma′ beni ta′ Carmela Portelli, jew irjieh verjuri, libera u franka. Din ir-raba′ giet stmata elfejn, sitt mija u ghoxrin Euro (€2,620) mill-perit tekniku.

(ix) Bicca raba′ maghrufa bhala "T′Anna" li tinsab fit-territorju maghruf bhala "Ta′ San Blas", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta′ cirka mitejn u tmien metri kwadri (208m.k.), li tikkonfina mill-punent ma′ beni ta′ Paul Muscat, mix-xlokk ma′ beni ta′ Joseph Camilleri u min-nofsinhar ma′ beni ta′ Paul Cefai, jew irjieh verjuri, libera u franka. Din ir-raba giet stmata sitt elef Euro (€6,000) mill-perit tekniku.

(x) Il-fond (zewgt ikmamar minghajr l-arja) numru tlettax (13) Sqaq Santa Venera, Hamrun li gie stmat mill-Perit Tekniku ghas-somma ta′ tnax-il Elf Euro (€12,000).

Il-Qorti tirrileva f′dan l-istadju li ghalkemm f′partijiet mill-istima u rapport tieghu l-Perit Tekniku ddivida xi raba′ f′porzjonijiet, dak l-ezercizzju mill-atti jirrizulta li kien sar fil-mument li kien hemm il-possibilita′ li whud mill-partijiet izommu r-raba′ li jahdmu bhala sehemhom. Din il-possibilita′ f′dan l-istadju tal-proceduri ma avveratx ruhha w′ghaldaqstant ma hemmx lok li dawn jibqghu divizi ghal skop ta′ licitazzjoni. F′dan ir-rigward il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-atturi fin-nota taghhom.

Il-Qorti tirrileva in oltre li ghalkemm il-Perit tekniku kien stima wkoll bicca raba′ maghrufa bhala "r-Ramla ta′ Gewwa", stante li originarjament din kienet meqjusa bhala formanti parti mill-assi ereditarji fil-kawza odjerna, jidher izda li wara kien hemm qbil bejn il-partijiet li din ma tappartjenix lilhom izda liz-zija taghhom w′ghalhekk ghandha tigi eskluza.

9. Illi kemm il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu kif ukoll il-partijiet fl-atti qablu li l-proprjeta' hawn suesposta mihijiex kommodament divizibbli bejniethom.

10. Illi salv ghal dak li nghad minn din il-Qorti fil-punt 8 suespost hadd mill-partijiet ma kkontesta r-rapport u l-istejjem tal-Perit Tekniku. Il-Qorti ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet indikati fil-punt 8 suespost ghal dak li huwa l-valur tal-fond fi Triq Wied ir-Rihan, li r-raba' ma tigix diviza kif originarjament indikat mill-Perit, kif ukoll li qed tigi eskluza raba' paritkolari ndikata din il-Qorti qeghdha taddotta r-rapport tal-Perit Tekniku fl-intier tieghu.

**11. Illi ladarba jirrizulta li l-immobbli formanti parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Portelli mhumiex kommodament divizibbli din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tordna l-licitazzjoni ta' l-istess bl-eccezzjoni biss li jekk jilhaq isir il-bejgh tal-fond fi Triq ir-Rihan bejn id-data tad-decizjoni u d-data tas-subbasta allura dan ghandu jigi estromess mill-assi in licitazzjoni.**

12. Fl-ahharnett b'referenza ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine b'mod partikolari ghar-raba' (4) u hames (5) eccezzjonijiet mqajjma, il-Qorti rat mill-atti li l-istess konvenuta nomine ma baqghetx tinsisti fuq dawn l-eccezzjonijiet tant illi la ressqet ebda prova u wkoll fl-ahhar zewg verbali l-partijiet qablu li salv li jinsab il-bejgh tal-fond fi Triq Wied ir-Rihan fil-mori l-kawza kellha tmur ghad-decizjoni sabiex jigi ordnat il-bejgh bil-licitazzjoni tal-proprjeta'.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz:

(1) Tichad l-ewwel talba attrici stante li f'dan l-istadju hija ormai superfluwa;

(2) Tilqa' t-tieni talba attrici u tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Pawlu u Josephine Portelli u tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni u assi elenkati fil-paragrafu numru 8 (i) sa (x) suespost f'din id-decizjoni;

(3) Tilqa' t-tielet talba attrici u tassenja lil kull wiehed minn Josephine Portelli u Pawlu Portelli nofs kull wiehed tal-proprjeta' fuq imsemmija.

(4) Tilqa' r-raba' talba attrici b'dana li tiddikjara u tassenja l-beni partikolari ta' Josephine Portelli lill-eredita' ta' Josephine Portelli u li jikkonsistu f'nofs il-proprjeta' indikata fil-paragrafu tmienja 8 minn (i) sa (x) suesposti filwaqt li tichad it-talba ghal dawk li huma assi ereditarji parafernali stante li ma jirrizultawx mill-atti;

(5) Tilqa' l-hames talba attrici b'dana li tiddikjara u tassenja l-beni partikolari ta' Pawlu Portelli lill-eredita' ta' Pawlu Portelli u li jikkonsistu f'nofs il-proprjeta' indikata fil-paragrafu tmienja 8 minn (i) sa (x) suesposti filwaqt li tichad it-talba ghal dawk li huma assi ereditarji parafernali stante li ma jirrizultawx mill-atti;

(6) Stante li jirrizulta, in vista tal-prelegati ordnati minn Pawlu Portelli u wkoll stante d-dikjarazzjoni tal-Perit Tekniku u ta' l-istess partijiet fl-atti, li l-proprjetajiet ghall-qasma mhumiex kommodament divizibbli tichad is-seba' u t-tmien talba tal-atturi filwaqt li tghaddi sabiex tilqa' d-disa' talba attrici u tordna l-licitazzjoni tal-beni kollha ndikati fil-paragrafu tmienja 8 (i) sa (x) suespost (salv il-kundizzjoni mposta minn din il-Qorti dwar il-possibilita' tal-bejgh fil-frattemp tal-fond fi Triq Wied ir-Rihan) bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-partijiet fil-kwoti ndikati minn din l-istess Qorti fl-istess paragrafu tmienja 8 suespost taht l-ittri A. u B. Ai fini ta' valutazzjoni tal-immobbli dawn ghandhom jibdew bil-prezzijiet kif indikati minn din l-istess Qorti fl-istess paragrafu tmienja 8 ta' din id-decizjoni.

Fic-cirkustanzi tal-kaz l-ispejjez kollha tal-kawza, ghandhom jigu sopportati nofshom mill-konvenuta Rita Tabone personalment u n-nofs l-iehor wiehed minn tmienja (1/8) kull wiehed mill-ahwa ulied ta' Josephine u Paul Portelli nkluz l-istess Rita Tabone (izda eskluza

Maria Portelli) jew l-eredi taghhom skont il-kwota tal-genitur taghhom. L-ispejjez tal-bejgh b'licitazzjoni ghandhom jigu sopportati mill-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom fl-istess proprjeta'.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur